Diskors tal-Ftuħ tar-Rettur

Ministru, Kanċillier, President u Membri tal-Kunsill, membri tal-korp akkademiku, ħaddiema ta' l-Universita`, għeziez studenti.

Huwa ta' pjaċir kbir għalija li nindirizzakom illum f'din l-okkażjoni ta' ftuħ ta' sena akkademika ġdida.

Illum qegħdin niftħu kapitlu ġdid.

Kapitlu ġdid fil-ħajja ta' madwar elfejn student li għażlu li jingħaqdu magħna f'din il-familja, biex jitħarrġu, jiftħu l-orizzonti tagħhom, u biex jagħmlu pass importanti ieħor fil-karriera tagħhom.

Kapitlu ġdid f'ħajti, għax għalkemm ili tliet xhur nokkupa l-kariga ta' Rettur ta' l-Universita', inħossni li huwa preċiżament issa li qiegħed nara, fikom l-istudenti, il-vera raġuni għalxiex tlaqt il-karriera tiegħi fid-dinja tal-kummerċ biex għal darba oħra nerġa' ningħaqad ma' sħabi l-akkademiċi biex inservikom b'ħilti kollha.

Kapitlu ġdid għall-Universita`, għaliex kull meta jinħatar Rettur ġdid tinħoloq opportunita` unika biex din l-istituzzjoni terġa' tistaqsi lilha nfisha… fejn wasalna?… u issa fejn sejrin?

Qabel xejn nixtieq ngħid li wasalna fejn qegħdin illum frott tal-ħidma tal-predeċessuri tiegħi, partikolarment dawk riċenti: il-

Professur Borg Costanzi, il-Professur Serracino Inglott, u l-Professur Ellul-Micallef.

Minn hawn, għan-nom ta' l-Universita` kollha, insellmilhom u nirringrazzjahom għax-xogħol u għad-dedikazzjoni tagħhom.

Huma raw lil din l-Universita` tikber minn waħda ta' ftit mijiet ta' studenti għal waħda li tħarreġ kemxejn anqas minn 10,000.

Huma raw in-numri ta' dixxiplini mgħallma jikbru u jinfirxu.

Huma raw l-Universita` tiftaħ il-bibien tagħha għal studenti barranin, u dan l-aħħar tiftaħ l-orizzonti tagħha lilhinn minn xtutna.

F'dan il-pajjiż għandna nkunu kburin minn din l-Universita`. Għalkemm din hija Universita` antika li ssib l-għeruq tagħha fis-sittax-il seklu, hija wkoll Universita` li:

- għarfet tirriġenera lilha nfisha tul iż-żmien,
- għarfet taddatta ruħha għaċ-ċirkostanzi u għall-bżonnijiet tal-ġurnata, u
- għarfet tħares 'il quddiem b'kuraġġ minkejja nuqqasijiet ta' riżorsi jew restrizzjonijiet amministrattivi li kellha tiffaċċja minn żmien għal ieħor.

Waqt li nirrikonoxxu  l-ħidma li saret fil-passat, huwa importanti li nifhmu sew l-għażliet u l-isfidi li għandna quddiemna. U tajjeb li ngħidu li ħafna minn dawn l-isfidi huma frott tas-suċċess li  nkiseb tul iż-żmien.

Illum l-Universita` tagħna għandha xejn anqas minn 115-il programm ta' tagħlim fil-livell "undergraduate" u aktar minn 85 programm fil-livell "postgraduate".

M'hemmx dubju li saret qabża tremenda 'l quddiem f'dak li jirrigwarda riċerka personali ta' l-akkademiċi tagħna.

M'hemmx dubju wkoll li l-Universita` qiegħda tipparteċipa bis-sħiħ fil-programmi kollha ta' l-Unjoni Ewropeja mill-aspett kemm ta' riċerka, ta' kollaborazzjoni fit-taħriġ, kif ukoll ta' skambju ta' studenti u akkademiċi ma' Universitajiet oħra.

Hu importanti li nirrikonoxxu u napprezzaw il-ġid u l-impatt pożittiv li qiegħda tħalli din l-Istituzzjoni fuq dan il-pajjiż. Dan ngħidu b'wiċċi minn quddiem għax illum napprezza forsi aktar minn qatt qabel li huwa fil-fatt privileġġ – iżda mhux kapriċċ - li pajjiż żgħir bħal tagħna għandu Istituzzjoni venerabbli bħal din.

Iżda jkun żball, u żball kbir li naħsbu, li għax din l-Universita' għandha wirt ta' erba' mitt sena, dan ifisser li ntrebaħ xi dritt li din

l-Universita` tkun hawn erbgħin sena oħra… u wisq anqas erba' mitt sena oħra.

Tifhmunix ħazin, jien nemmen fil-potenzjal ta' din l-Istituzzjoni għax nemmen fil-futur ta' dan il-pajjiż. F'moħħi il-polz tal-futur ta' dawn il-gżejjer jibda jidwi hawn.

Għalhekk, min-naħa tagħna minn żmien għal ieħor – u nemmen li reġa` wasal dak iż-żmien – għandna nħarsu ħarsa sew madwarna u nistaqsu.

Din l-Universita` x'għandha tfisser għal pajjiżna fil-ħamsin sena li ġejjin?

Il-programmi ta' tagħlim u ta' riċerka ta' l-Universita` jkopru l-bżonnijiet mhux biss preżenti izda futuri tal-pajjiż, ta' l-anqas fil-viżjoni attwali tagħna?

Fil-programmi akkademiċi kollha li qegħdin noffru, qegħdin nilħqu kwalita` mill-aqwa? Qegħdin nużaw ir-riżorsi sewwa? U fejn le… kif nistgħu naħdmu aħjar?

Qegħdin nibnu idea ċara ta' x'riżorsi hemm bżonn biex insostnu l-firxa ta' programmi ta' tagħlim u ta' riċerka, partikolarment f'dawk l-oqsma li jeħtieg il-pajjiż jew li fihom bnejna reputazzjoni ta' eċċellenza tul iż-żmien?

Xi tfisser li tkun akkademiku jew riċerkatur fl-Universita` ta' Malta?

Fil-qosor, irid jinħoloq qafas biex nevalwaw il-firxa u l-kwalita` ta' dak li qegħdin nagħmlu waqt li nikkwantifikaw x'riżorsi hemm bżonn biex insostnu jew nibnu dak li hemm bżonn li jsir – u biex dan isir sewwa!

Universita` moderna teħtieġ ħafna u ħafna investiment mifrux fuq medda twila ta' żmien. Iva, ħafna aktar għax qegħdin nagħmlu, u nistgħu nagħmlu, ħafna aktar.

Napprezza li l-Universita` mhix waħedha u li hemm ħafna prijoritajiet oħrajn fil-pajjiż – l-ambjent, it-toroq, is-saħħa, l-industrija u l-oqsma ta' edukazzjoni l-oħra.

Pero', jekk irridu li din l-Universita` tagħna tibqa' tgawdi reputazzjoni tajba hemm il-ħtieġa li jkun hemm qbil ta' fejn sejrin u kif ser niffinanzjaw il-mixja tagħna.

Din mhix sfida ta' l-Universita` biss, jew tal-Gvern tal-ġurnata biss, iżda hija sfida nazzjonali li nemmen li wasal iż-żmien li dan il-pajjiz jindirizzaha bis-serjeta`.

Jien nara din l-Universita` tkompli ssaħħaħ it-tliet pilastri tagħha: it-tagħlim, ir-riċerka u s-servizzi lill-industrija u lis-soċjeta` ċivili.

Jien nemmen li waqt li t-tagħlim hu l-ġisem ta' din l-Universita`, ir-riċerka għandha tkun ir-ruħ.

Minn naħa waħda nemmen li hemm bżonn li nkomplu nżommu l-programmi ta' tagħlim aġġornati, u li nkomplu naddattaw teknoloġiji u sistemi moderni ta' taħriġ.

Min-naħa l-oħra, nemmen li hu kruċjali li l-Universita` tibni l-qafas u r-riżorsi għal programmi ta' riċerka istituzzjonali partikolarment f'oqsma tal-mediċina, xjenza u teknoloġija, u f'oqsma varji oħra fejn hemm l-opportunita` li nibnu reputazzjoni internazzjonali.

Biex dan iseħħ hemm bżonn li l-Universita` tibqa' żżomm fi ħdanha l-aħjar imħuħ, għax jekk le, kif ser inrawmu mħuħ ġodda, u kif ser inkabbru r-rwol ta' l-Universita` fil-pajjiż u fl-isferi internazzjonali?

Barra minn hekk, l-Universita` trid tipprepara biex takkomoda aktar studenti – partikolarment studenti maturi li ġa missew mad-dinja tax-xogħol, studenti li jiġu biex ikomplu l-istudji f'livell "postgraduate", kif ukoll ħafna aktar studenti barranin.

U issa nixtieq ngħid kelmtejn bl-Ingliż għax huwa importanti li niftakru li għandna studenti barranin fostna, li llum, bil-qalb kollha, qegħdin nilqgħuhom magħna. Grazzi.

Dear freshers, it is my pleasure to welcome you to the University of Malta and I thank the International Students amongst you for patiently listening to the initial part of my speech which I delivered in Maltese in accordance with established tradition.

The University of Malta is a modern university with ancient roots; indeed this University traces its origins to the founding of the Collegium Melitense in 1592.

This is my first year as rector of this venerable institution and I hope that we will make you feel welcome and cherished as I believe that the experience you bring with you from your respective backgrounds and respective countries enriches the cultural and intellectual milieu on campus.

I have chosen this year's theme for good reason: "fostering excellence and entrepreneurship".

First, I believe that a university experience ought to be driven by the persistent pursuit for excellence. In this quest you should apply and celebrate your strengths whilst identifying and addressing your weaknesses.

You will achieve excellence in whatever you do if you approach any challenge with a "first-class attitude", by applying your best effort

and talent, and by overcoming difficulties which may seem tough or even insurmountable at face value.

Second, I hope that as you delve deeper into scholarship in specific disciplines you do not lose sight of the greater world around you.

Remember that you are a crucial part of your country's present and future social and economic wellbeing.

Put yourself in the shoes of a prospective employer, imagine you are that employer, project the attributes you wish to see in your future employees, and work to achieve those attributes.

In short, irrespective of whether you seek to employ or be employed in the future, please understand one basic principle – in life you must develop an eye for the right opportunities and the boldness to pursue them with all you've got!

This year's theme is in line with the communication published by the European Commission in February 2006 entitled *"Implementing the Community Lisbon Programme: Fostering entrepreneurial mindsets through education and learning"*. This emphasises the need to promote entrepreneurship throughout the various stages of education but particularly in European tertiary education institutions.

Entrepreneurship is a state-of-mind, it is the art and science of informed risk-taking particularly when venturing into the unknown or in uncharted domains.

I believe that a scholar's mind, the mind of a researcher particularly in modern day practice, should be driven by an entrepreneurial spirit. In this day and age we do not seek fact for fact's sake as much as we seek fact to empower our decision making, to understand and hopefully to improve the world around us. Indeed the very process of fact finding is mostly driven by perceived need or opportunity.

I auger that you will be enriched by this institution not only with the knowledge and skill-set that will help you bootstrap or advance your career, but also with a spirit of entrepreneurship that drives you to assess the opportunities and threats around you and that drives you to take on challenges wisely to achieve the targets you set yourself in an efficient and timely manner.

A special word for our International students: I understand the challenge you face and the excitement of leaving your homeland to pursue studies abroad, as I myself experienced this when I left home at a young age to start my University career in England. Coming to terms with a new country and a new culture whilst delving into one's study or research programme is a challenge, but,

I assure you that, once you settle in, you will cherish every moment.

Of course, please do not hesitate to seek the assistance of the International Students Office should the need arise and please note that Dr. Mary Anne Lauri, the Pro-Rector in charge of Student and Institutional Affairs and Dr. Maureen Cole my delegate in charge of International Student Wellbeing are available to assist you.

As I am sure that most of you have suffered me enough this morning, without further ado, I would like to sincerely welcome you all – academics, support staff, and students - to a productive and fruitful year. Let’s make this year an excellent one, let’s carry our legacy with pride.

Thank you very much for your attention.